**Il-Purċissjoni tal-festa kif kienet fl-1967. Din hija deskrizzjoni sabiħa f'artiklu li dehret fil- gazzetta "Il-Ħaddiem" tal-20 ta' Mejju tal-1967 f'paġna 5. Deskrizzjoni storika u nteressanti li teħodna lura 54 sena ilu kif kienet ssir l-festa 20 sena qabel twaqqfet l-banda tas-Soċjeta' Mużikali tagħna.**



# Il-Purċissjoni Pageant ta' S. Girgor

## Li ssir fil-parroċċa ta' S. Girgor, Sliema

**Il-proċessjoni ta' S. Girgor hija, fil-ġens tagħha, unika fil-gżira tagħna. Hija għamla ta' pageant reliġjuż, bil-kant fuq il-loud speakers u mingħajr s p a r a r, ħ l i e f musketterija ta' ftit minuti hi u ħierġa u ftit minuti hi u dieħla.**

Il-proċessjoni tiftaħ b'bandalora, lewn aħdar car, għamla ta' pennon jiġifieri trijanglu kbir li fuqu hemm irrakkmati fil-kobor is-salib papali bi tliet lasti u ż-żewġ imfietaħ, simboli tal-awtorita' tal-Papa. Din il-bandalora jerfagħha żagħżugħ liebes toga sewda tal-ħarir. Fuq in-naħa waħda u n-naħa l-oħra jimxu żewġ żgħażagħ, liebsin libsa tarċisjana bajda bi glalen ħodor, iġorru żewġ važetti tar-ram bil-lasti, li fihom hemm weraq tal-palm.

Wara din il-bandalora jimxu sitt żgħażagħ iġorru sitt bandalori ta' għamla differenti għal kollox minn tas-soltu. Iż-żgħażagħ huma liebsin libsa tarċisjana tal-ħarir aħdar bi glalen ħomor minsuġin bid-deheb, rikki ħafna. Fuq il-bandalori ta' lwien differenti hemm irrakkmati il-kelmiet ta' Kristu lil San Pietru: (1) Tu es Patrus — (2) et super hanc petram — (3) aedificabo ecclesiam meam. — (4) Et portae inferi — (5) non praevalebunt — (6) adversus eam. Li jfissru: (1) Inti Pietru — (2) u fuq din il-blata — (3) nibni il-knisja tiegħi. (4) U bwieb l-infern — (5) ma jegħelbux — (6) kontra tagħha.

Ħdejn il-kliem hemm irrakkmati bi ħjut tad-deheb u tal-fidda simboli li juru t-tifsir tal-kliem. Fuq in-naħa waħda u n-naħa l-oħra ta' dawn il-bandalori jimxu tfal liebsin libsa taċisjana bajda bi glalen ħodor, iġorru bandalori żgħar daqs maktur tal-ħarir isfar u ta' tliet għamliet differenti.

Wara dawn is-sitt bandalori tiġi waħda straordinarja, differenti minnhom għal kollox. Din fiha pinġuta xbiha tal-Madonna, inkwadrata fi gwarnić tal-ġild, li hija mżebra abjad u iswed. Ix-xbiha tal-Madonna hija kopja ta' dik li hemm f'pilastru tal-Knisja ta' San Girgor, iddedikata lil Sant'Andrija, fuq l-Aventino, Ruma, u li skond it-tradizzjoni kienet tkellem lil San Girgor kull meta kien jgħaddi minn quddiema.

Iġorr din il-bandalora żgħażugħ liebes tunika ċelest ċar bi skapular twil fuqha ta' lewn ċelest oskur, bi glalen fix-xifer u frenża fit-tarf. In-naħa waħda u n-naħa l-oħra ta' dan iż-żgħażugħ jimxu żewġ żgħażagħ liebsin bħalu, iġorru żewġ važetti bil-lasti, b'ward ta' lwien differenti fihom. Il-ward jissimboleġġja l-Madonna, magħrufa bħala "rosa mystica".

Issa jiġu l-fratelli tas-Sagrament bil-kunfratija bajda u l-mozzetta ħamra u warajhom il-kleru bis-salib tal-kleru bejn żewġ akkolti quddiem u l-monsinjur li jikkonduċi l-proċessjoni u jerfa' r-relikwarju b'biċċa għadma ta' San Girgor, wara. Ir-relikwarju huwa stil ġotiku tal-fidda, bi tmien faċċati.

Wara l-kleru tibda l-parti l-iżjed interessanti u oriġinali tal-proċessjoni, b'sitt kwadri bil-lasti, stil fiorentin, li fuqhom, fuq fond tad-deheb, hemm pinġuti sitt qaddisin. Dawn huma sitta mill-grupp ta' patrijiet tal-monasteru ta' San Girgor, li huwa, wara li sar Papa, bagħat biex jikkonvertu l-Ingilterra. Dawn huma San Wistin u San Lawrenz Arċisqfijiet ta' Canterbury, San Mellitu Isqof ta' Londra. San Ġiustu Isqof ta' Rochester, San Pawlinu Isqof ta' York u San Pietru Abbati ta' Canterbury. Dawn il-kwadri iġorruhom żgħażagħ, tlieta in-naħa waħda u tlieta n-naħa l-oħra tat-triq, liebsin tunika kannella ċar b'mantelletta kannella oskur fuqha, imżejnin bi glalen sbieħ b'fond tad-deheb. Minnufih warajhom jiġu erba' statwi żgħar tal-injam miżbugħin, għoljin żewġ piedi u nofs, b'raġġiera tar-ram tleqq, fuq lasti tal-injam, li jirrappresentaw erba' membri tal-familja ta' San Girgor. Dawn huma missieru San Ġordjanu, ommu Santa Silvja, waħda minn tliet zijietu, ħut missieru, Santa Emiljana, u busbusnannuh, San Feliċ III, Papa. Dawn l-istatwi iġorruhom żgħażagħ liebsin bħal dawk li jġorru il-kwadri. Quddiem dawn l-istatwi u bejniethom jimxu sitt żgħażagħ iġorru važetti tar-ram fuq lasti tal-injam bi gladjoli ta' ħafna kuluri fihom u b'żigarelli ta' ħafna kuluri wkoll imdendlin mit-truf tagħhom. Iż-żgħażagħ li jġorru dawn il-važetti huma liebsin il-kostum tal-Gwardji Svizzeri, b'dawk il-faxex ħomor u lariŋġat, bl-alabardi jleqqu f'idejhom.



Il-Festa ta' San Girgor taħbat għada nhar it-Trinita', u l-purċissjoni tibda ħierġa fis-6 p.m.